MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2008

Numru 180/2007

Il-Pulizija
(Sp Pierre Grech)
vs
Kenneth Caruana, iben Emanuel, imwieled Pieta’ fis-17 ta’ diċembru, 1980

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli ġewwa l-Floriana u f’dawn il-Gżejjer, nhar l-1 ta’ Marzu, 2007 u nhar it-3 ta’ Marzu, 2007:

a. attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza jew b’ħebb, ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuni nkarigati skond il-liġi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kien qed jaġixxu għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta’ ordni mogħti skond il-liġi mill-awtorita’ għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta’ ordni mogħti skond il-liġi mill-awtorita’ kompetenti;

b. talli fl-istess lok, ħin u ċirkostanżi qal fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indeċenti, jew għamel atti jew ġesti oxxeni, jew b'xi mod ieħor offenda l-morali, l-imġieba xierqa jew id-deċenza pubblika;
c. talli fl-istess lok, ħin u ċirkostanżi volontarjament kiser il-bon ordni u il-paċi pubblika b'għajjat u ġlied;
d. talli fl-istess lok, ħin u ċirkostanżi ma obdiex l-ordnijiet leġittimi mogħtija lilu minn uffiċjali tal-pulizija, jew ma ħallijhomx jew fixkilhom waqt li kien qed jagħmlu d-dmirijiet tagħhom, jew b'xi mod ieħor bla jedd indaħal fi dmirhom, billi ma ħalliex lil ħaddieħor jagħmel dak li b'liġi jjkun ordnat jew jista' jagħmel, jew billi ġab fix-xejn dak li ħaddieħor kien għamel skond il-liġi;
e. talli fl-istess lok, ħin u ċirkostanżi volontarjament għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, liema ħsara matiskorrriex l-għaxar liri maltin (Lm10) għad-dannu tal-korp tal-pulizija;
f. talli sar reċidiv skond l-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminalib'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tal-31 ta' Ottubru, 2002 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel;
g. talli kiser kondizzjoni mogħtija lilu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) b'sentenza tat-23 ta' Awwissu, 2004 liema deċizjoni saret definittiva u ma tistax tinbidel.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta' Ottubru, 2008 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 49, 50, 96(a), 325(1)(d) u 338(bb)(dd)(ee) u tikkundannah għal ħlas ta' multa ta' ħames mitt euro (€500). Minbarra dan tikkundanna lill-imputat li jħallas is-somma ta' għoxrin euro (€20) danni lill-korp tal-pulizija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------